# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 28 ta' Gunju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Louis sive Louie R. Naudi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Louis sive Louie R. Naudi ta' 61 sena bin Joseph u Mary nee' Cefai, imwieled Floriana, fl-01 ta' Awissu 1955, li huwa residenti f'numru 11, Flat 1, Triq is-Salib, Sqaq Numru 1, Naxxar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 515455M.

Akkuzat talli fil-31 ta' Dicembru 2002, u fil-granet ta' qabel fin-Naxxar, fil-Belt Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' Kap Ezekuttiv tal-Malta Agricultural Lobby;

1. Billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-Lm15,000 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni ohra; dan bi ksur tal-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma li teccedi l-Lm15,000 moghtija lis-socjeta' *Malta Agricultural Lobby* bhala *Subsidy to Individual TV Programmes on PBS dedicated to Tomatoes and their Products*, liema somma giet fdata jew ikkunsinnat lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu; dan bi ksur tal-artikolu 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Lulju, 2005[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) Fl-artikoli 18, 308 u 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 18 u 188 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2012[2], l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

---

[1] Ara fol. 226 tal-process.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Ghal habta tas-sena 2000, l-imputat ifforma organizzazzjoni li sejjhilha Malta Agricultural Lobby (aktar il-quddiem imsejjha "MAL"), sabiex tirraprezenta lill-bdiewa u kienet attiva hafna bhala lobby group fin-negozjati biex Malta tidhol fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt kien ukoll rikonoxxut mill-Malta EU Steering and Action Committee (MEUSEC).

2. L-imputat jghid li l-MAL kellha statut u kumitat, ghalkemm l-istatut qatt ma gie ezebit u l-imputat qatt ma qal min kienu l-membri tal-kumitat. Fix-xhieda tieghu jghid li hu kien ic-Chief Executive Officer tal-MAL, ghalkemm il-letterhead li kienet tuza l-MAL kien jindika lill-imputat bhala "Chairman and CEO",[3]

3. Fit-2 ta' Ottubru 2002, l-imputat kiteb lil Dr Philip von Brockdorff, Segretarju Permanenti fil-Ministru tal-Agrikultura u l-Biedja,[4] fejn infurmah li qed jiktiblu b'urgenza rigward diskussjonijiet li kienu saru in partikolari in konnessjoni ma inizzjattivi rigwardanti *"marketing aid for tomatoes", "marketing aid for milk by-products", "promotion campaign for Maltese & Gozitan agro-alimentary products, and MAL's input with regards to the new "advertising company" that your department will be dealing with."*

---

[2] A fol. 224 tal-process.
[3] Ara Dok LN 2 a fol. 267 tal-process.
[4] Ara Dok LN 2 a fol. 267 *et seq.* tal-process.

4. Fl-istess ittra l-imputat jkompli jghid hekk: *"As per our letter to PBS, MAL will be receiving a sanction letter from them (Mr. A. Psaila, PBS Chief Executive has to-day confirmed that it is in the post) and it is envisaged that within the next few days a contract will be drawn up and signed. PBS are agreeing to allocate a 13-half hour weekly series, and two 13-series allocations of ten minutes each. Included in the package is a repetition of the programs on Channel 12, and a formula for future collaboration between MAL and PBS, which will be brining substantial benefits to the farming community. MAL is proposing the following allocations to be funded from the "marketing aid":*

- *2 half-hours programs on PBS (with repeats on Channel 12) on "Tomatoes"*

***LM5000***

- *13 – ten minute weekly series on PBS (inserted in one or more popular and established programs, with a repetition on Channel 12 – dedicated to "Tomoatoes", and their derivative products. This will also incorporate a "chef" introducing a "speciality menu" based on tomato products*

***LM13,000***

- *1 half-hour program on PBS (with a repeat on Channel 12 on "Milk and Milk by-products"*

***LM2,500***

- *2- ten minute slots on PBS (inserted in one or more popular and established programs, with a repetition on Channel 12) dedicated to "Milk and Milk by-Products"*

***LM2000***

*The Total Cost of this initiative is Lm22,500, and includes research, script, writing, production costs, editing costs, filming costs, air-time costs, artistic editing, graphic designs, studio sets, and all other related miscellaneous expenses.*

*Since the envisaged contract will be legally binding on MAL, and since most of the arrangements and costs (production, script, filming, editing, foreign input etc) on these initiatives have to be paid up-front (by not later than the last week of October 2002), it is imperative that payment is effected in full by 31st. October 2002. Kindly note that this is a special offer designed specifically for the farming community's requirements in the most professional and presentable manner and at the most cost-effective price."*

5. Il-Ministeru irrisponda b'ittra tad-29 ta' Ottubru 2002 mibghuta minn David Dandria ghan-nom tas-Segretarju Permanenti[5], fejn informa lill-imputat hekk:
*"Your letter dated 2nd October 2002 on the subject in caption refers please.*

*I am pleased to inform you that the Ministry of Agriculture intends to support the Malta Agricultural Lobby in this important initiative.*

*The Ministry also intends to part-sponsor the programmes relating to the tomato sector. In this regard you are requested to furnish copies of the quotations received from P.B.S. Ltd for the 2 half hour TV programmes on "Tomatoes" (with repeats on Channel 12) and the weekly series of 10-minute slots dedicated to "Tomatoes and their derivative products".*

*It is also recommended that you liaise with Malta Publicity Services Ltd., who have been appointed as the Ministry's contractors for the development of a Marketing Strategy for the Maltese processed tomato sector, in order to ensure compatibility with their plans."*

6. Ghalkemm fl-atti m'hemmx prova li l-imputat ghadda l-quotations tal-P.B.S. Ltd dwar il-programmi fuq it-tadam lill-Ministeru, kif mitlub li jaghmel f'din l-ittra, fis-26 ta' Dicembru 2002, il-MAL harget invoice lill-Ministeru tal-Agrikultura u s-Sajd ghall-ammont totali ta' LM20,700.00, li kienu jirrapprezentaw is-segwenti:

*"2 Half-hour programmes on PBA (with repeats on Channel 12) on Tomatoes" – LM5000.00*

*13-ten minute weekly series on PBS (inserted in one or more popular and established programmes, with a repetition on Channel 12) dedicated to "Tomotoes" and their derivative*

[5] Ara Dok LN1 a fol. 226 tal-process

*Products. This will also incorporate a chef introducing a "speciality menu" based on tomato products – LM13000.00*

| | |
|---|---|
| *Net Value* | *LM18000.00* |
| *VAT 15%* | *LM 2700.00* |
| *Total* | *LM20700.00"*[6] |

Din l-invoice giet approvata minn Dr. Philip Von Brockdorff, Segretarju Parlamentari u iffirmata mill-imputat in rapprezentanza tal-MAL.

7. Il-payment voucher relattiv ghal din l-invoice kien jghid hekk *"Subsidy – to Individual Programmes on PBS dedicated to Tomatoes and Products"*[7]

8. F'April 2003, Dr. Philip von Brockdorff ircieva ittra minghand ex-impjegat tal-MAL, Nicholas Camilleri, li allega li l-flus li inghataw lill-MAL biex jittellghu numru ta' programmi fuq PBS, kienu intuzaw ghal skopijiet diversi, u mhux ghal dak l-iskop.

9. Wara li saret *internal audit* fuq din l-allegazzjoni, Dr von Brockdorff talab lill-Pulizija tinvestiga il-kaz.

10. Saret inkjesta Magisterjali, u l-espert komputista mahtur mill-Magistrat Inkwerenti, li kellu awtorizzazzjoni mill-istess Magistrat jaccessa l-kontijiet bankarji kollha li fihom l-imputat kien involut, ikkonkluda hekk:

    *"Mill-provi prodotti u mis-seduti li ghamel l-esponenti jirrizulta is-segwenti:*

    *Il-Payment Voucher no. 4512030901 li gie mahrug mill-Ministeru tal-Agrikultura u Sajd, datat 31 Dec 2002, u li kien indirizzat lil "Malta Agricultural Lobby", Dar l-Agrikultura, 11, Alley 1, Cross Street, Naxxar, NXR 04, u li kellu bhala deskrizzjoni "Subisdy to Individual, TV progammes on PBS dedicated to Tomatoes and their Products" bil-valur ta' Lm20,700 (ghoxrin elf u sebgha mija Lira Maltija), gie depositat fil-kont bankarju tal-BOV a/c 40010684557 nhar is-16 ta' Jannar 2003.*

[6] Ara fol. 24 tal-process.
[7] Ara Dok BZ3 a fol.67 tal-process u Dok AB 26 tal-Inkjesta Magisterjali ezebita a fol. 35 *et seq.* tal-process.

*Dan il-kont isejjah lil Malta Agricultural Lobby li l-firmatarju ta' dan huwa is-Sur Louie Naudi. Minn dak in-nhar il-quddiem, saru transazzjonijiet bankarji u thallsu spejjez li ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-iskop tal-payment voucher, jigifieri "Subsidy to Individual, TV programmes on PBS dedicated to Tomatoes and their Products". L-unika ammont li thallas b'cekk kien ta' Lm600, b'cekk numru Chq 180 lil Perfecta Advertising. Perfecta Advertising kienu l-konsulenti ta' programmi li dehru fuq il-PBS dwar tadam u prodotti agrikoli, l-ispiza totali hija ta' madwar Lm2,200.*

*Jidher li Lm600* ***biss*** *thallsu in linea tal-iskop tal-payment voucher. Il-bqija tal-flus, thallsu ghal skopijiet u ghanijiet li ma ghandhom xejn x'jaqsmu mal-istess skop. Jidher li l-flus intefqu, fost ohrajn f'xiri ta' karozza ta' Lm6,500, f'safar, u fuq spejjez waqt safar. It-talba ta' flus li saret minn Louie Naudi f'isem il-Malta Agricultural Lobby ghal Lm20,700 biex isiru il-programmi fuq il-PBS dwar tadam u prodotti agrikoli lil Ministeru tal-Agrikultura u Sajd kienet frawdolenti, u ghalhekk sar frodi ta' fondi pubblici."*

Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu

Il-fatti fuq elenkati li taw lok ghal dawn il-proceduri, apparti l-ahhar sentenza tal-konkluzjoni tal-espert komputista ma humiex kontestati mill-imputati, apparti li jirrizultaw mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri odjerni.

L-unika haga gdida li tista' tghid harget mill-provi tal-Prosekuzzjoni hija li l-presentatrici tal-PBS Ltd., Gloria Mizzi, xehdet li c-Chief Executive Officer tal-PBS, Andrew Psaila, kien qalilha li kien hemm group tal-agricultural lobby li riedu jaghmlu xi programmi fuq it-television, u qalilha biex tinkorporahom fi programm li kellha parti hi. Hi xehdet hekk *"... ... Kienu jaghtuni l-iscript u mmorru l-universita u nintervista diversi bdiewa. Kienu 10 minutes spots. ... ... Probabbli kienu saru 13-il spot."* Hija cahdet li kien hemm xi spots ta' nofs siegha.[8]

Louis Borg Manche, ir-rapprezentant ta' Perfecta Advertising Ltd., is-socjeta' ta' konsulenza li kien qabbad l-imputat biex jaghmel il-programmi fuq it-tadam u prodotti agrikoli fuq it-television, xehed li kienu ghamlu 26 programm – kif xehed quddiem l-espert komputista fl-inkjesta. Huwa xehed li Perfecta Advertising kienet talbet *consultancy fees* fl-ammont ta' Lm2200 ghall-preparazzjoni ta' dawn il-programmi, li kienu jinkludu l-*air time*, li minnhom thallset biss l-ammont ta' Lm600, u r-rimanenti bilanc ghadu dovut. [9]

Mill-istatement tal-current account tal-Bank of Valletta, fejn l-imputat iddepozita l-ammont ta' Lm20,700.00, fis-16 ta' Jannar 2003 u kien *in debit* fl-ammont ta' LM199.93.[10]

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri, u fl-opinjoni tal-Qorti pprovda verzjonijiet konfliggenti dwar kif gew il-flus, kif kellhom jintefqu u kif fil-fatt intefqu. Dawn huma l-verzjonijiet tieghu in succint:

1. L-imputat xehed li hu ma kienx jithallas bhala Chief Executive Officer ghax-xoghol li kien jaghmel ghal MAL. Huwa qal li hu kien zamm laqgha mal-Malta Publicity Services Ltd (MPS), kif kien gie dirett li jaghmel mill-Ministeru dwar il-programmi, pero' ma setghax

[8] Ara xhieda ta' Gloria Mizzi a fol. 115 tal-process.
[9] Ara xhieda ta' Louie Borg Manche a fol. 151 *et seq.* tal-process, u a fol 28 tal-process tal-inkjesta.
[10] Ara Dok JBC ezibit a fol.156 tal-process.

jintlahaq ftehim ghaliex fil-waqt li l-MPS kienet ikkoncentrata kompletament fuq il-pubblicita' tat-tadam biss, il-MAL kienet qed tikkoncentra fuq il-prodotti kollha tal-biedja.[11] Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem dan ir-ragunament. Mill-iskambju ta' korrispondenza fuq citat u anke mill-*invoice* u l-*payment voucher* li inghata l-imputat, huwa aktar minn ovvju li l-Ministeru, tajjeb jew hazin, kien jinteressah biss li jaghti flus ghall-iskop ta' *marketing* fuq it-tadam u l-prodotti relatati mieghu, u li l-Ministeru ta l-flus lill-imputat bil-kundizzjoni li jintuzaw ghal programmi televizivi esklussivament fuq it-tadam biss. Fil-fatt il-Ministeru skarta l-proposta tal-imputat, li jinghata wkoll flus biex jaghmel programmi televizivi fuq il-halib u prodotti derivati minnu.

2. Huwa jghid ukoll li ghamlu r-ricerka ghall-programmi u minflok 13-il programm, kif kien ippjanat ghamlu 26. Jghid li l-programm kienet tipprezentah Gloria Mizzi u kienu jtellghu kok isajjar u jisponserjaw premju. Fir-ricetta dejjem kien ikun hemm tadam. Apparti minn hekk, skond l-imputat kien ikun hemm *filming* ghaddej fil-*background* dwar settur partikolari u daru is-setturi kollha tal-prodotti li fihom jahdmu l-bdiewa. Il-filmat kien jigi *edited* mill-MAL jew min-nies li kienu jqabbdu huma. Gloria Mizzi kienet tintervista nies minn dak is-settur. Jghid li huma nefqu hafna iktar mit-LM18,000 u l-VAT li inghataw.[12] Din il-verzjoni ovvjament ma taqbilx ma dak li xehdet Gloria Mizzi kif fuq citata, u lanqas ma' dak li xehed Louie Borg Manche, ir-rapprezenant ta' *Perfecta Advertising Limited,* li kienet il-konsulent li qabbad l-istess imputat biex jaghmel dawn il-programmi.

3. L-imputat xehed ukoll li ghal dawn il-filmati ingaggaw konsulenti Taljani, ghalkemm il-MAL hallsitilhom il-lukanda fejn joqghodu meta gew Malta,[13] pero' ma ezebixxa l-ebda ricevuta ta' dan, u dan l-allegat hlas tal-lukanda. Ghal darb'ohra dan jikkonfliggi ma' dak li xehed Louie Borg Manche ir-rapprezenant ta' *Perfecta Advertising Limited,* li kienet din is-socjeta' li ppreparat il-programmi u ma dak li xehdet Gloria Mizzi.

4. L-imputat xehed li Dr von Brockdorff, is-segretarju permanenti prova jwaqqaf il-programmi.[14] Din l-allegazzjoni ma hi bl-ebda mod sorretta mill-provi.

---

[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 238 tal-process.
[12] Ara xhieda tal-imputat a fol. 239 u 240 tal-process.
[13] Ara fol. 244 tal-process.
[14] Ara fol. 244 tal-process.

5. L-imputat xehed li l-flus li inghataw mill-Ministeru mhux biss ma servewx imma nefqu LM48,000 aktar.[15] L-iktar osservazzjoni ovvja hi kif, jekk wiehed inghata budget ta' LM18,000 biex jaghmel il-programmi – a bazi ta' stimi li hu stess ghamel - ghandu jippjana l-istess programmi fuq budget ta' LM66,000 – cioe' budget ta' il-fuq minn tlett darbiet izjed. It-tieni osservazzjoni hija li l-imputat ma gab l-ebda ircevuti biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu, u aghar minn hekk, ir-rendikont tal-*current account* juri li Lm600 biss mill-flus lilu moghtija mill-Ministeru intefqu fi spejjez relatati mal-programmi. Huwa jipprova jiggustifika in-nuqqas tieghu li jippproduci l-ircevuti abbazi tal-fatt li l-MEUSEC ma kinietx tirrikjedi ircevuti hlief tal-*flights*. Apparti li ma ngabet l-ebda prova mid-difiza tal-proceduri tal-MEUSEC, il-kaz odjern kien jikkoncerna ftehim bejn il-Ministeru tal-Agrikultara u Sajd u l-MAL, u ghalhekk l-imputat kellu jimxi ma dak il-ftehim, u l-proceduri tal-MEUSEC huma fi kwalunkwe kaz totalment irrelevanti ghall-fini tal-kaz odjern. Inoltre, fil-proceduri odjerni, l-imputat certament ma jistghax jippretendi li din il-Qorti kienet fic-cirkostanzi se temmen l-allegazzjonijiet tieghu, jekk dawn ma jigux ippruvati, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, bi provi oggettivi.

6. Rigward ix-xiri tal-karozza bil-prezz ta' Lm6,500, l-imputat jghid li dan ix-xiri ma ghandu x'jaqsam xejn mal-MAL, ghax din il-karozza inxtrat minn flus mill-kont tal-Organizzazzjoni Semam.[16] Dan huwa vera. Pero' dak li naqas li jghid l-imputat hu, li mir-rapport tal-espert komputista jirrizulta li parti mill-fondi li inghataw lil MAL mill-Ministeru gew trasferiti *inter alia* fl-*account current* li Semam Malta Branch ghandha mal-Bank of Valletta, u li c-cheque ghall-hlas tal-vettura fl-ammont ta' Lm6,500 inhareg minn go dan l-*account* a favur ta' Jennifer Muscat, sid il-vettura. Allura m'hemmx dubbju, li l-vettura inxtrat b'parti mill-fondi li l-Ministeru ta lill-MAL. L-imputat huwa firmatarju tal-*account current* Semam Malta Branch.

7. Imbaghad, b'kontradizzjoni assoluta ma dak li kien ghadu kemm qal qabel rigward ix-xiri tal-vettura, l-imputat jghid li kien hemm skop ghal xiri ta' vettura ghax kien offriehulu bi prezz specjali wiehed mill-impjegati li kienet tahdem fl-ufficcju taghhom Brussels. Peress li skond hu, kellhom bzonn karozza ghal konsulent Taljan li kien qed jahdmilhom fuq il-programmi, iddecidew li jixtruha u mbaghad jergghu ibieghuha. Fl-ewwel lok, ma jirrizulta minn imkien mill-provi li sid il-vettura Jennifer Muscat kienet tahdem Brussels, u riedet

[15] Ara fol. 245 tal-process.
[16] Ara fol. 250 tal-process.

tbiegh il-vettura ghaliex wirtitha minghand missierha. Fix-xhieda taghhom la Jennifer Muscat u lanqas ir-ragel taghha Andrea Muscat ma qalu li kienu jafu lill-imputat qabel il-bejgh, u wisq inqas li xi hadd minnhom kien jahdem mieghu. Fit-tieni lok, certament ma hemm l-ebda sens ekonomiku li wiehed jixtri karozza ghal ftit gimghat – u del resto ta' certu valur – meta jista' facilment johrog hafna orhos jekk jikri karozza zghira, kif ghall-grazzja tal-argument biss, seta' kellu bzonn l-imputat biex jakkomoda lill-konsulent Taljan.

8. Rigward r-rapport tal-espert komputista, l-imputat jghid li l-komputista ghamel rapport limitatament ghal perjodu partikolari. Fi kliem l-imputat *"Ma qabadx mill-bidu nett tal-istorja u sal-ahhar nett tal-isorja. Qabad parti minghajr ma ra jekk kienx hemm deposits. Minghajr ma ra jekk ahna parti mill-ispejjez konna ghamilniehom diga u allura stajna nonfquhom b'mod differenti. Ir-rendikont li tajna lil MEUSEC fl-ahhar tas-sena gie accettat."*[17] Il-Qorti tibda biex tghid li l-funzjoni tal-espert komputista, u ta' din il-Qorti, kien li jara l-flus li l-imputat inghata mill-Ministeru ghal skop partikolari f'Dicembru 2002 kif intefqu, u mhux biex jara l-istorja kollha tal-MAL. Fit-tieni lok, diga' inghad, li mill-provi jirrizulta li l-kont tal-MAL mhux talli ma kellux depozitu fih, imma kellu debitu. Fit-tielet lok jekk issa l-imputat qed jghid li parti mill-ispejjez kienu diga' saru, allura l-Qorti ma tistax tifhem kif aktar qabel xehed li biex jaghmlu l-programmi mhux talli l-flus li tahom il-Ministeru ma servewx, imma hargu LM48,000 minn buthom.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq espost, ix-xhieda tal-imputat certament m'hix wahda attendibbli. Ironikament, probabbilment, il-verita' tinstab fis-sottomissjonijiet tal-abbli avukat difensur tieghu fit-trattazzjoni orali finali, u cioe', li l-imputat zamm parti mill-flus – fl-opinjoni ta' din il-Qorti prattikament il-flus kollha - ghax-xoghol li hu allega li ghamel. Id-difiza issottomettiet hekk: *"Il-programmi saru jigifieri l-bulk ta' dawk il-flus ma kienitx spejjez per ezempju ta' camera man, ma kienx spejjez jien naf ta' lighting. Kien ghax-xoghol tieghu bhala konsulenza, pariri biex jaghmel l-iscript, biex jghidilhom isma' fejn ghandkom tigbdu, ghandkom tmorru, liema bidwi ghandkom tkellmu u dan it-tip ta' affarijiet"*[18] Ovvjament din is-sottomissjoni tad-difiza, tkompli trendi x-xhieda tal-imputat iktar u iktar inattendibbli.

---

[17] Ara fol. 258 tal-process.
[18] Ara fol. 280-281 tal-process.

Il-fatt jibqa' wiehed, li fuq talba, u stimi tieghu stess, l-imputat inghata LM20,700 mill-Ministeru, biex itella' programmi biex jippromwovi il-prodott tat-tadam, u mill-provi jirrizulta li hu kellu spiza biss ta' LM2,200.00 lil *Perfecta Advertising Ltd.*, li minnhom hallas biss Lm600. Mill-esercizzju maghmul mill-espert komputista jirrizulta li l-kumplament tal-fondi intefqu fuq affarijiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dawn il-programmi televizivi. Skond il-ftehim, l-imputat kellu jaghmel 13-il spot ta' ghaxar minuti l-wiehed – fil-fatt Gloria Mizzi xehdet li saru 13-il spot ta' ghaxar minuti l-wahda. L-imputat u Louie Borg Manche, r-rapprezenant ta' *Perfecta Advertising Ltd.*, jghidu li saru 26 spot ta' ghaxar minuti l-wahda. Mill-provi ma jirrizultax jekk dawn gewx repetuti fuq Channel 12, kif kellu jsir. Mill-provi ma jirrizultax li saru zewg programmi ta' nofs siegha fuq il-PBS (b'ripetizzjoni fuq Channel 12) – anzi Gloria Mizzi cahdet li dawn saru. Pero' jekk saru 26 spot ta' ghaxar minuti l-wahda, minflok 13-il spot, kif kellhom isiru, allura jigi – biex il-Qorti taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat - li l-imputat fil-prattika ghamel programmi televizivi ta' 13-il spot ta' ghaxar minuti l-wahda, li komplessivament jammontaw ghal aktar *air-time* minn zewg programmi ta' nofs siegha il-wiehed.

Kien l-imputat stess li ta lil Dr von Brockdorff, is-Segretarju Permanenti, l-istima ta' LM18,000 ghal dawn is-serje ta' programmi fl-ittra tieghu tat-2 t'Ottubru 2002, u talbu li l-hlas isir sal-31 t'Ottubru 2002, ghaliex hu ried ihallas minn qabel ghall-arrangamenti u l-ispejjez li kienu se jigu inkorsi in konnessjoni ma' dawn il-programmi. Ghalkemm, fl-ittra tieghu tad-29 t'Ottubru 2002, is-Segretarju Permanenti talbu kopja tal-istimi li kien tah il-PBS Ltd ghal programmi relatati mal-industrija tat-tadam, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat tah dawn l-istimi. Dan nonostante, is-Segretarju Permanenti approva l-*invoice* tal-MAL tas-26 ta' Dicembru 2007 ghal LM18,000 u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – ammont komplessiv ta' LM20,700. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem kif fl-*invoice*, l-imputat zied it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghax skond il-ligi, il-prezzijiet kollha kkwotati ghandhom ikunu jinkludi din it-Taxxa, sakemm dan ma jigix espressament eskluz – li ma sarx fl-ittra tat-2 t'Ottubru 2002.

Huwa vera li kif jghid ir-rapport tal-*internal audit* tal-Gvern,[19] il-Ministeru *inter alia:*

[19] Ara Dok PP fol 3, ezebit a fol. 165 tal-process.

*" – paid on money to MAL apparently, without verifying the fees quoted by PBS and furthermore without being furnished with copies of quotations, including breakdown of activities and their respective costs; and*

- *did not undertake follow up action to obtain evidence on how the Lm20,700 were actually spent."*

Il-Qorti tifhem, li jekk l-imputat kien se jahli hinu biex jipproduci dawn il-programmi, kellu d-dritt li jitlob li jithallas ghax-xoghol tieghu ta' konsulenza. Pero', huwa kellu jkun onest mal-Ministeru u jghidilhom car u tond li ammont minn dawk LM20,700 kien ser izommu bhala hlas ghas-servizzi tieghu, u mhux jitlob li jigi rifuz spiza ta' LM20,700, meta fil-verita' l-ispiza telghet ghal LM2,200, li minnhom hallas biss Lm600, u l-kumplament tal-fondi juzahom ghal skopijiet ohra, li lanqas biss ghandhom x'jaqsmu mal-industrija tal-biedja.

Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputat jinsab akkuzat kemm bi truffa kif ukoll misapproprjazzjoni, apparti li ghamel dikjarazzjoni falza jew ta taghrif falz lil awtorita' pubblika.

Ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li fl-ittra tieghu tat-2 ta' Ottubru 2002 lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Agrikultura u Sajd, li l-ispejjez li l-imputat qal li se jkollu jinkorri sabiex jaghmel il-programmi fuq it-tadam fuq it-televizjoni – cioe' l-ammont komplessiv ta' LM18,000 – u li tieghu talab li jigi sussidjat – kien wiehed eccessiv sew. Ghalkemm fl-istess ittra qal li dawn l-ispejjez riedu bil-fors jithallsu minn qabel sal-31 t'Ottubru, 2002, u l-Ministeru hareg il-*payment voucher* fl-ammont LM20,700 fil-31 ta' Dicembru 2002, meta l-imputat iddepozita il-*payment voucher* fil-kont tal-MAL mal-Bank of Valletta fis-16 ta' Jannar 2003, minflok uzahom biex jithallsu dawn l-ispejjez li suppost diga' kienu saru, jew jigi rimborsat min hallashom, jew hallihom depozitati sabiex jintuzaw sabiex jithallsu dawn l-ispejjez, jekk kienu ghadhom ma sarux, l-imputat kien pront fl-istess gurnata qassam ammont sostanzjali minn dawn il-fondi f'kontijiet bankariji tal-karti ta' kreditu tal-MAL u ta' entita ohra jew go kontijiet kurrenti ta' entita ohra, li l-imputat kellu f'ismu.

Il-flus depozitati fil-karti ta' kreditu intuzaw biex thallus principalment spejjez li kien ghamel l-imputat fi vjaggi precedenti tieghu u fi hwienet lokali, li ma ghandhomx x'jaqsmu mall-iskop li ghalih inghata l-flus. Il-kumplament tal-fondi inhargu bhala cekkijiet fuq agenziji tal-

ivvjaggar, hanut li jbiegh affarijiet tal-computer, wiehed fuq ismu personalment, u wiehed fuq *Perfecta Advertising Ltd*. Huwa sinifikati li l-imputat xtara l-vettura in kwistjoni u hallas ghaliha b'cheque fis-16 ta' Jannar 2002 – l-istess gurnata li fiha ddepozita l-*payment voucher*. Naturalment, l-imputat ghamel dan, ghax kien konsapevoli li l-programmi li kien se jaghmel fuq it-televizjoni kienu se jiswewlu hafna inqas min LM20,700.

Fid-dawl tas-suespost, ir-reat li l-imputat ta taghrif falz lil awtorita pubblika bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali gie pruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Iktar komplikata hija l-kwistjoni jekk l-imputat hux hati ta' truffa ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali jew ta' misapproprazzjoni aggravata ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, ghax iz-zewg reati huma kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis** deciza fit-12 ta' Dicembru 1959, il-Qorti tal-Appell (sede Kriminali)[20] irriteniet hekk:

*"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni ndebita in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggetti li minnu jsir profit indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mill-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profit indebitu minnu; fl-approprjazzjoni indebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament f'idejh haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu."*

Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, waslet ghal konkluzjoni li l-imputat huwa hati ta' truffa ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, ghaliex bl-ittra tieghu tat-2 t'Ottubru 2002, huwa inganna lill-Ministeru tal-Agrikultura u Sajd billi qal li kien se jidhol f'kuntratt ma' PBS Ltd – liema kuntratt mill-atti ma jidhirlx li sar – u qalilhom li l-ispejjez ghall-programmi televizivi kienu se jkunu hafna iktar minn dawk li fil-verita' kien jaf li se jinkorri u li kien bi hsiebu jhallas, apparti li qalilhom li dawn l-ispejjez riedu jithallsu minn qabel, meta ma kienx vera, u b'hekk gieghel lil Ministeru jemmen li kien hemm krediti

[20] *Per* Imhallef J. Flores.

immaginarji li jammontaw ghal LM18,000, eskluz il-VAT. Konsegwenza ta’ dan l-imputat ghamel qliegh ghad-dannu tal-istess Ministeru, ghax il-programmi televizivi saru bi spiza relativament minima, u il-maggoranza assoluta tal-flus li rcieva ghal skop specifikat, u cioe' biex isiru l-programmi televizivi dwar it-tadam, dawwarhom bi profitt ghalih jew ghal organizzazzjonijiet amministrati minnu.

Izda mill-provi jirrizulta biss dan ir-reat ta’ truffa wiehed, u ghalhekk ma jezistux l-elementi sabiex dan ir-reat ikun wiehed kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija prattikament netta – huwa instab hati ta’ kontravvenzjoni tat-traffiku snin ilu.

Mill-provi jirrizulta, li ghalkemm l-programmi televizi ma sarux skond kif inghad fl-invoice mahrug mil-MAL tas-26 ta’ Dicembru 2006 u approvata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru, l-imputat ghamel iktar mill-ekwivalenti bhala *air-time* tal-programmi imsemmija miftiehma f’dik l-*invoice*. Pero’ l-ispejjez inkonnessjoni ma dawn il-programmi kienu jammontaw biss ghas-somma ta’ LM2,200.00, li minnhom l-imputat hallas biss Lm600.00

Ghal fini ta’ piena ir-reat li ta taghrif falz lill-awtorita’ pubblika taht l-Artikolu 188 huwa assorbit fir-reat iktar gravi ta’ truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, stante li serva bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess l-istess reat ta’ truffa ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-istess Kodici.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhux idonea ghal kaz odjern, imma jkun aktar opportun filwaqt li tigi erogata piena li tirrifletti s-serjeta tar-reati, l-imputat jirrifondi lill-Gvern u lill-terzi, l-flus li huwa dawwar bi profitt ghalih.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. ma ssibx lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom;

2. wara li rat l-Artikoli 308, 310(1)(a) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti f'dawn l-artikoli u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ai termini tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' tlieta u erbghin elf u tlieta u disghin Euro u erbghin centezmu (€43,093.40) – ekwivalenti ghal tmintax-il elf u hames mitt Lira Maltija (Lm18,500) - lill-Gvern ta' Malta, u jhallas is-somma ta' tlett elef seba' mija u seba' u ghoxrin Euro – ekwivalenti ghas-somma ta' elf u sitt mija Lira Maltija (Lm1,600) - lis-socjeta *Perfecta Advertising Limited*, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti it-telf finanzjarju minnhom subit.

4. Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe' f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

5. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u tmienja u sebghin Euro u disa' u sittin centezmu (€478.69) – ekwivalenti ghal mitejn u hames Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm205.50) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-

ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**